Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 779/2008AE

**Gasan Mamo Insurance Ltd**

**Vs**

**Rudolph Anthony Bonnici u martu Yvette Bonnici**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' sentenza tas-7 ta' Ottubru 2013 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef mija u tmienja u tmenin ewro u disghin centezmu (€3,188.90), wara li kkonkluda li mill-provi rrizulta li l-incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Gunju 2006 kien att doluz tal-konvenut meta waqt li kien qieghed isuq il-vettura tieghu GBC 761 volontarjament baqa' diehel fil-vettura CAB 782 li fiha kien hemm passiggiera l-konvenuta, li hi martu. In kwantu ghal konvenuta, it-Tribunal cahad it-talba tal-attrici wara li kkonkluda li ma kinitx komplici fl-agir ta' zewgha.

Jirrizulta li l-vettura GBC 761 kienet assikurata mal-attrici. Wara li saret claim, l-attrici hallset ghall-hsara li garrbu l-vetturi.

Il-konvenut appell mis-sentenza. L-aggravji tieghu huma:

1. Nullita tas-sentenza ghaliex fl-okkju ma tissemmiex il-konvenuta. Fil-fatt l-okkju jaqra: **"Gasan Mamo Insurance Ltd vs Rudolph Anthony Bonnici et"**.
2. Apprezzament zbaljat tal-provi.
3. Fil-kuntratt ta' assikurazzjoni kien hemm klawzola ta' arbitragg. It-Tribunal kellu d-dmir jissolleva dan *ex officio*.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva hekk:

**<u>L-ewwel aggravju</u>**.

Fil-fehma tal-qorti dan l-aggravju nghata bla bzonn. Hu minnu li fl-okkju tas-sentenza isem il-konvenuta ma ssemmiex. Madankollu wara isem il-konvenut Rudolph Anthony Bonnici, fl-okkju hemm ***"et"***. L-uniku persuna ohra li kien hemm bhala konvenuta kienet Yvette Bonnici. Is-sentenza nghatat ukoll fil-konfront taghha. In-nuqqas li hemm fis-sentenza ma holoq l-ebda pregudizzju ghall-konvenut. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Mary Assunta Azzopardi et vs Anthony Camilleri et** tat-

3 ta' Frar 2012. F'dak il-kaz fl-okkju tas-sentenza tal-ewwel qorti kien thalla barra wiehed mill-werrieta ta' parti li kienet mietet fil-mori tal-kawza. Il-qorti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 790 tal-Kap. 12 u osservat:

*"11. Il-prinċipju ermenewtiku ta' eiusdem generis irid illi kull wieħed min-nuqqasijiet imsemmija fl-art. 790 ikun, bħal "kull difett ieħor" li għandu jwassal għan-nullità tassentenza, difett li "jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq". Il-partijiet li f'isimhom tkompliet il-kawża wara l-mewt ta' Peter Paul Camilleri, u li isimhom iżda ma jidhirx fl-occhio tas-sentenza, ma ġarrbu ebda preġudizzju minħabba f'dan in-nuqqas: kienu mgħarrfa bil-proċeduri mibdija mill-awtur tagħhom, kienu notifikati bl-atti li kienu jeħtieġu notifika, ħadu sehem fit-tmexxija tal-proċeduri, ma sar xejn minn wara daharhom, il-proċeduri saru quddiem qorti li kellha ġurisdizzjoni fuqhom, is-sentenza ma ngħatatx fuq ħaġa li ma kellhomx għax jistennew li sejra tingħata s-sentenza dwarha u ma ġarrbu ebda preġudizzju ieħor li jista' jxellfilhom il-jedd għal smigħ xieraq.*

*12. Jidher wisq evidenti illi li titħassar sentenza għal raġuni li ma tagħmel ebda preġudizzju lill-partijiet u li hija għal kollox indifferenti għall-interessi tagħhom mhux biss ma jkunx fl-interess tal-ġustiżżja iżda anzi jkun ta' ħsara, għax ikun ifisser li dak kollu li sar matul is-sitt snin li ilha tinstema' l-kawża jkun sar għal xejn u jkollu jsir mill-ġdid, b'ħela ta' ħin u ta' flus għalxejn, u dan kollu għal raġuni li ma għandha x'taqsam xejn mall-ħtiġijiet tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja".*

Il-qorti mbaghad cahdet l-eccezzjoni tan-nullita' tas-sentenza. Kif ser jirrizulta s-sentenza tat-Tribunal hi gusta fis-sustanza taghha u fic-cirkostanzi m'hemmx lok jintlaqa' l-ewwel aggravju.

**<u>It-Tieni aggravju</u>**.

Il-qorti taqbel perfettament mal-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal.

L-appellant irrakkonta li kien ra lil martu passiggiera fil-vettura taghha li kien qieghed isuq il-partner taghha; *"Jien gejt ma' gembhom bil-karozza u ghamilt is-sinjal biex jieqaf biex inkellimhom. Dan minflok waqaf saq iktar bis-sahha. Jien mort warajhom u f'daqqa wahda ghafas il-brake f'daqqa bil-konsegwenza li jien bqajt diehel fuq wara tal-vettura taghhom ghaliex ma lhaqtx waqaft fil-hin[1]".*

Martu tat verzjoni totalment differenti u qalet li kien zewgha li deliberament baqa' jsuq ghal fuqhom;

*"Jehad kien qieghed isuq u kif wasalna fit-triq Xemxija ByPass, karozza warajna bdiet tpaqpaq hafna u ahna ndunajna li kien Rudolph l-ex ragel*

[1] Verzjoni li ma tissemmiex fid-Dikjarazzjoni dwar Incident tat-Traffiku (fol. 5) fil-parti ***"trid izzid xi haga ohra ?"***.

*tieghi. Rudolph beda jsuq ma' gembna, nizzel it-tieqa tan-naha tal-passiggier u beda jghajjat u jidghi, ahna bzajna u ghalhekk bqajna nsuqu.*

*Rudolph meta ra li ahna bqajna sejrin tana daqqa kbir bil-karozza tieghu Hyundai Sonata GBC 761 fuq wara tal-karozza tieghi Citroen AX CAB 782, wara ftit rega tana daqqa ohra kbira fil-gen tan-naha tas-sewwieq u ghalhekk kellna nieqfu…."*.

Il-qorti ma tistax temmen il-verzjoni tal-attur meta tqies li hu evidenti li meta ghamel il-claim ma qalx lill-kumpannija assiguratrici:-

i. Li fil-vettura l-ohra kien hemm riekba martu flimkien mal-habib taghha;
ii. Li beda jsuq wara l-vettura ta' martu bil-ghan li jilhaqha.
iii. Bil-verzjoni li ta fl-affidavit.

Li kieku qalilha m'hemmx dubju li il-kumpannija ta' assikurazzjoni ma kinitx ser thallas il-hsara fil-vettura tal-appellant. Lawrenz Farrugia, manager tal-fergha tal-kumpannija appellata fejn saret il-claim mill-appellant, xehed li l-appellant qatt ma qallu li s-sid tal-vettura l-ohra kienet martu; *"[….] ir-regolamenti nafhom u li kieku kien ikolli nirreferiha l-Head Office"* (fol. 112). Sahansitra fil-*Motor Accident Report* tal-kumpannija appellata u li ffirma l-appellant, jinghad: *"I was driving and collided into TP's car"* (fol. 3). Imkien ma jinghad li dak li gara kien minhabba li l-vettura ta' quddiem dik tal-appellant ibbrekjat f'daqqa.

L-appellant ma jistax iqabbel il-posizzjoni tieghu ma' dik ta' martu. 'Il fatt li ma kienx hu li kiteb it-taghrif li hemm fid-dikjarazzjoni a fol. 5 ma jfissirx li t-talbiet tal-kumpannija appellata kellhom jigu michuda wkoll fil-konfront tieghu. L-appellant qieghed jinsa li bejnu u GasanMamo hemm kuntratt ta' assikurazzjoni, fejn wiehed mill-obbligi tieghu hu l-*uberrima fidei*.

Mill-provi rrizulta li l-kumpannija appellata saret taf b'dak li verament gara meta rceviet ittra minghand id-difensur tal-appellata datata 29 ta' Jannar 2007 (fol. 50). Mid-dokument jirrizulta li l-kumpannija appellata kienet diga hallset ghall-hsara li saret fil-vetturi. Dan ifisser li l-appellant heba fatti materjali lill-kumpannija assiguratrici. Agir li m'huwiex ta' assigurat in *buona fede*.

Jidher li l-hsara fil-vettura tal-appellant kienet ukoll fil-gemb, in-naha tal-passigier (ara paragrafu 10 tad-dokument a fol. 5). L-appellata Bonnici xehedet:

*"[….] wara ftit **rega' tana daqqa ohra kbira fil-gemb tan-naha tas-sewwieq** u ghalhekk kellna nieqfu ghax kieku ma waqafniex konna nitilfu l-kontroll tal-karozza u nispiccaw gol-gandott li kien hemm fil-gemb tat-triq"* (fol. 70).

Agir li verament juri li l-appellant agixxa volontarjament f'mument ta' rabja meta ra lil martu riekba fil-vettura taghha fil-kumpannija tas-sieheb taghha. L-appellat ma qal xejn dwar dan. Interessanti kif ix-xhud Farrugia spjega li l-appellant kellu daqqa fil-gemb tal-vettura u s-surveyor kien tal-fehma li dik il-hsara ma kellhiex taghmel tajjeb il-kumpannija appellata. Dan bir-ragun peress li l-kaz kien suppost jitratta kollizzjoni *front to rear*. Ix-xhud kompla jghid li l-appellant talbu jghinu dwar dik il-hsara u hekk ghamel (fol. 111). Probabilment li kieku l-appellant irrakkonta l-verita' dwar dak li kien gara fl-10 ta' Gunju 2006, ma kienx ser isib il-koperazzjoni tal-kumpannija assikuratrici. Dan ikompli jsahhah il-fehma tal-qorti li l-appellant ma rrakkontax il-verita meta fit-12 ta' Gunju 2006 ghamel il-claim ma' GasanMamo.

Ir-riferenza li ghamel l-appellant ghall-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu, m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-hsara li ghamel fil-vettura ta' martu. Fil-fatt is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (fol. 119) kienu jitrattaw biss ksur tal-paci pubblika u griehi hfief uq il-persuna ta' martu u l-habib taghha. 'Il fatt li f'dawk il-proceduri gie liberat m'hijiex prova li l-agir tal-appellant ma kienx volontarju.

Fir-rikors tal-appell l-appellant qal ukoll li mill-polza ma jirrizultax li tezisti xi eskluzjoni f'kaz ta' incident volontarju. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-klawzola 10 ta' dik il-parti ntestata *General Exceptions* (ara wkoll ittra legali datata 4 ta' Gunju 2007, fol. 58 li ntbaghatet lid-difensur tal-appellant). Hawn ukoll l-appellant hu zbaljat.

**<u>It-Tielet aggravju</u>**.

Quddiem it-Tribunal l-appellant ma nvokax il-klawzola ta' arbitragg u m'ghandux ragun meta jghid li t-Tribunal kellu jissolleva l-eccezzjoni *ex officio*. Kien fl-obbligu tal-appellant li jinvoka l-klawzola arbitrali u jitlob lit-Tribunal sabiex jissoprassjedi (ara Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitragg, Kap. 387). Mill-atti jirrizulta li l-appellant qatt m'ghamel talba f'dan is-sens. Minn dan il-provvediment hu evidenti li klawzola arbitrali trid tigi nvokata mill-parti ghall-kuntratt u mhux mill-awtorita li trid tiddeciedi l-kaz.

**<u>Appell Incidentali</u>**.

Mis-sentenza appellat ukoll il-kumpannija appellata permezz ta' appell incidentali. L-aggravji huma:-

i. L-appellata kellha tinstab responsabbli wkoll;
ii. Dwar il-kap tal-ispejjez. It-Tribunal ordna li kull parti taghmel tajjeb ghall-ispejjez.
iii. Li t-Tribunal ordna li l-imghax jiddekorri mid-data tas-sentenza.

Il-qorti rat it-twegiba tal-appellata Yvette Bonnici (9.12.2013). L-appellant ma wegibx.

Dwar l-appell incidentali l-qorti tosserva:-

i. 'Il fatt li x-xufier tal-vettura CAB 782 ma jissemmiex fid-*Dikjarazzjoni dwar l-Incident tat-Traffiku*, ma jfissirx li l-appellata hi komplici ma' zewgha fil-hazin li ghamel. Mill-provi rrizulta li hi kienet semplicement iffirmat il-formola (fol. 5). Hu veru li fid-dokument gie ddikjarat li kunjomha hu Calamatta, pero' rrizulta li t-taghrif li hemm fid-dokument ma nkitibx minnha. Id-dokument inkiteb minn ufficjal tal-pulizija waqt li l-partijiet kienu fl-ghassa tal-pulizija. Fil-firma tal-appellata fid-dokument hemm il-kunjom Bonnici. Inoltre jirrizulta wkoll li meta l-appellata marret l-ufficcju tal-kumpannija appellata fil-Mellieha tathom il-karta ta' l-identita taghha fejn kunjomha hu Bonnici (ara deposizzjoni ta' Anna Camilleri, fol. 131). Sahansitra tathom ukoll *logbook* tal-vettura taghha fejn l-indirizz taghha hu '99, Notre Reve, Triq l-Ghassies, Marsascala, cjoe' l-istess indirizz ta' zewgha l-appellant li jissemma fil-claim form tal-appellant (fol. 2).

ii. M'hemmx prova li l-appellata ghamlet xi haga hazina. Kien l-appellant li volontarjament saq ghal fuq il-vettura taghha. Ghalkemm il-vettura tal-appellata kienet qeghda tinstaq mill-*partner* taghha, b'daqshekk ma jfissirx li ma kellhiex dritt li tithallas ghad-danni li sofriet fil-vettura taghha. L-appellata ma kinitx parti ghal xi kuntratt ta' assikurazzjoni mal-kumpannija appellata.

iii. L-ilment dwar il-kap tal-ispejjez hu gustifikat. Il-principju hu li t-tellief tal-kawza ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. It-Tribunal ma ta l-ebda raguni ghalfejn ordna li kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha. Decizjoni bhal dik kellha tkun motivata.

iv. L-ilment dwar l-imghax hu wkoll gustifikat. L-ammont dovut lill-kumpannija appellata kien sa mill-bidunett ammont likwidu. Il-kumpannija assiguratrici riedet li tinghata lura l-flus li hallset. Ghalhekk l-imghax ghandu jithallas pero' mis-6 ta' Ottubru 2007, data tan-notifika tal-ittra ufficjali prezentata fit-2 ta' Ottubru 2007 (fol. 60-61) [Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili].

Ghalkemm fit-twegiba ghall-appell incidentali[2] l-appellata Bonnici qalet li l-ispejjez ghandu jaghmel tajjeb ghalihom kollha l-appellant u fl-ahhar tat-twegiba ghamlet talba ghar-riforma tas-sentenza, gialadarba ma appellatx mis-sentenza tat-Tribunal din il-qorti ma tistax tvarja dik il-parti tas-sentenza. L-istadju meta din il-parti setghet tipproponi appell incidentali kien meta giet notifikata bl-appell tal-appellant u zgur mhux l-appell incidentali tal-kumpannija appellata.

**Ghal dawn il-motivi:-**

[2] Prezentata fid-9.12.2013.

1. **Tichad l-appell ta' Rudolph Anthony Bonnici bl-ispejjez kontra tieghu.**

2. **Tilqa' l-appell ta' GasanMamo Insurance Limited limitatament fir-rigward tal-aggravji relatati mal-hlas ta' imghax u spejjez tal-kawza[3], u ghalhekk tirriforma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-7 ta' Ottubru 2013 fis-sens li:-**

   **(i) Tordna li l-imghax jithallas b'effett mis-6 ta' Ottubru 2007.**
   **(ii) Spejjez gudizzjarji tal-kumpannija assiguratrici huma a karigu tal-appellant Rudolph Bonnici.**

3. **Tichad il-kumplament tal-appell ta' GasanMamo Insurance Limited. Spejjez relatati mal-appell incidentali huma nofshom a karigu tal-appellant Rudolph Bonnici u nofshom a karigu tal-kumpannija appellata, b'dan li l-ispejjez ta' Yvette Bonnici fir-rigward tal-appell incidentali huma kollha a karigu ta' GasanMamo Insurance Limited.**

Anthony Ellul.

[3] Biss in kwantu dawn jirreferu ghall-appellant.